MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 398/2006

**Michael Attard Holdings Ltd gia**
**Michael Attard Ltd (C 6093)**
**Vs**
**Philip Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta Mejju 2006, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tliet mija u wiehed u hamsin lira wiehed u ghoxrin centezmu (Lm351.21) rapprezentanti valur ta hdax il-kambjala skaduta accettata u ffirmata mill-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata legalment il-konvenut ma deherx la fis-seduta tat-23 ta Gunju 2006, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta tliet mija u wiehed u hamsin lira wiehed u ghoxrin centezmu (Lm351.21) bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------